**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

Seduta tad-09 ta' Frar 2018

**Kawza numru: 546/2016 AM3**

**Numru fuq il-lista: 33**

**GO plc (C22334)**

**Triq Fra Diegu,**

**Marsa MRS 1501**

**Vs**

**Adrian Buliga (ID0081167A)**

**6, Triq is-Santwarju,**

**Mellieha**

It-Tribunal,

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fit-18 ta' Novembru, 2016 li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet minghand il-konvenut is-somma ta' tmien mija u sitta u ghoxrin ewro u tlieta u tletin centezmu (€826.33c) dovuta ma' servizz elettroniku ta' komunikazzjoni maghruf 'Talk Anytime (Home Pack)' li gie prestart mis-socjeta' attrici lil konvenut fuq l-akkont li jgib in-numru AC40242344.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut gie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawza fit-termini preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta' attriċi u l-fatt l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Għaldaqstant, wara li t-Tribunal sema lir-rapprezentant tas-socjeta' attrici tikkonferma li l-ammont ghadu dovut issib li t-talba tas-soċjeta' attriċi tirriżulta gustifikata u timmerita konferma u ghaldaqstant tordna lil konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmien mija u sitta u ghoxrin ewro u tlieta u letin centezmu (€826.33c) bl-imghaxijiet mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali numru 2256/15 sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż inkluzi dawk tal-ittra ufficjali a kariku tal-konvenut.

**Anna Mallia**
**Gudikant**